MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2006

Numru 869/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs**

**DAVID RAY CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David Ray Cassar ID 167884(M) mwieled Pieta' fil-18 ta' Frar 1984 bin Armando u Guilia nee' Zammit residenti 67 Triq Nerik Sant Haz-Zebbug gie akkuzat:

Talli fi 11/06/2006 ghall-habta ta' 2.00 a.m. waqt li kien f'Haz-Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Dimech Thomas f'periklu car, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-istess persuna, liema

ferita tista' ggib mankament jew sfregju jew difett permanenti f'parti tal-ghamla ta' gisem (fil-wicc) skond kif iccertifika Dr. Ronnie Farrugia M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-imsemmi Dimech Thomas sabiex jingurja, idejqu jew jaghmillu hsara.

U aktar talli talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dimech Thomas u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputat David Ray Cassar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li f'dan il-kaz mill-investigazzjonijiet li ghamlet jirrizulta li jissusisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat David Ray Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li f'dan il-kaz mill-investigazzjonijiet li ghamlet jirrizulta li jissusisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma fil-konfront tal-imputat, rigward l-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputat David Ray Cassar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, rigward it-tieni akkuza tikkundanna lill-istess imputat David Ray Cassar ghall-piena ta' Lm25 ammenda u rigward it-tielet akkuza tikkundanna lill-istess imputat David Ray Cassar ghall-piena ta' Lm25 ammenda.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat David Ray Cassar b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' l-istess Thomas Dimech u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Ray Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis- sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------